# Standards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin

## (0–3 snin)



October 2021

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

# Kontenut


Lista ta' Abbrevjazzjonijiet 2
Lista ta' Termini 4
Il-Proċess ta' Konsultazzjoni 6
Proċess ta' Konsultazzjoni Sostnut 7
Introduzzjoni 8
Il-Persuna Legalment Responsabbli (LRP) 13
L-Oqsma ta' Kwalità 14
Qasam ta' Kwalità 1: Il-Kwalità tal-Ambjent tat-Tagħlim 16
Standard 1.1 16
Standard 1.2 20
Standard 1.3 20
Standard 1.4 21
*Forniment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl* *21*
Standard 1.5 21
Standard 1.6 22
*Forniment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl* *22*
Qasam ta' Kwalità 2: Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien 23
Standard 2.1 23
Standard 2.2 24
*Forniment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl* *24*
Standard 2.3 25
*Forniment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl* *25*
Standard 2.4 26
Standard 2.5 27
Standard 2.6 28
*Forniment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl* *28*
Referenzi 29
Appendiċi 1: Permutazzjonijiet tal-Proporzjonijiet 31
Appendiċi 2: Manwal tal-Politiki u l-Proċeduri 32

# Lista ta' Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **ACCE** | Assistent għall-Edukatur tal-ECEC |
| **CCE** | Edukatur tal-ECEC |
| **DQSE** | Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni |
| **DSWS** | Id-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali |
| **ECEC** | L-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin |
| **LRP** | Persuna Legalment Responsabbli |
| **MFED** | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni |
| **MFSS** | Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali |
| **MQF** | Il-Qafas Malti tal-Kwalifiki |
| **POMA** | L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri |
| **UNCRC** | Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal |
| **UNCRPD** | Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |



# List of Terms

**Il-lista ta' termini f'dan id-dokument għandha tiġi interpretata kif ġej[1]:**

***Ambjent ta' Tagħlim Diġitali*** jirreferi għall-provvediment tat-teknoloġija diġitali kif ukoll għal attivitajiet medjati diġitalment li meta jiġu implimentati b'mod xieraq isaħħu l-iżvilupp tat-tfal. Ambjent ta' tagħlim diġitali fiċ-ċentri tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal jinkludi servizzi u għodod li jippermettu t-tagħlim, jappoġġaw l-amministrazzjoni, jtejbu l-komunikazzjoni u b'hekk titjieb il-kwalità tal-programmi tal-ħarsien tat-tfal.

***assessjar*** tfisser il-proċess fejn ikun osservat it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal b'mod olistiku, ikun rikonoxxut s-sinifikat tiegħu, u jkun hemm rispons għalih b'tali mod li jrawwem aktar it-tagħlim. Dan jinkludi l-ġbir u d-dokumentazzjoni tal-aspetti ewlenin tat-tagħlim tat-tfal sabiex it-tagħlim isir viżibbli u l-ippjanar ikun infurmat.

***ċentri*** huma dawk il-binjiet użati regolarment għall-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal ta' bejn 0–3 snin. Dawn iċ-ċentri jipprovdu servizzi ta' Edukazzjoni u Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (ECEC) f'Ċentru jew inkella Fuq il-Post tax-Xogħol. Fil-kuntest lokali, iċ-ċentri jissejħu wkoll ċentri tal-ECEC (0–3 snin), childcare centres, ċentri għall-ħarsien tat-tfal għal matul il-jum u nurseries.

***disinn universali*** tfisser approċċ ta' disinn li jintuża l-aktar ta' spiss fl-arkitettura li jirreferi għal ambjenti u spazji li huma ddisinjati b'mod proattiv biex jinħoloq l-inqas aċċess restrittiv għall-individwi fil-firxa l-aktar wiesgħa ta' sitwazzjonijiet mingħajr il-ħtieġa ta' modifika.

***edukatur tal-ECEC*** jirreferi għal adult li għandu rwol speċifiku li jipprovdi edukazzjoni u ħarsien lit-tfal li jattendu ċ-ċentri tal-ECEC (0–3 snin).

***filosofija*** tfisser dikjarazzjoni li:

- tiddeskrivi t-twemmin, il-valuri u l-ideali fundamentali li huma importanti għan-nies involuti fiċ-ċentru - il-management, l-adulti li jipprovdu l-edukazzjoni u l-ħarsien u l-ġenituri;
- tidentifika x'inhu speċjali dwar iċ-ċentru tal-ECEC; u
- hija maħsuba biex tkun il-bażi tad-deċiżjonijiet dwar il-mod kif jitmexxa ċentru tal-ECEC, l-għanijiet u l-iskopijiet tiegħu, u d-direzzjoni tiegħu għall-futur.

***forniment ta' servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl*** tfisser is-servizz li jopera matul il-lejl bejn is-sigħat tal-10pm u l-5am.

***ġenitur*** jirreferi għall-persuna/i jew entità li hija/huma rikonoxxuti mill-Istat bħala responsabbli għall-kura u t-trobbija tat-tifel/tifla[2].

***indikaturi*** tfisser dawk il-karatteristiċi li jistgħu jitkejlu u jikkorrispondu għal standard partikolari li jippermettu l-evalwazzjoni ta' jekk standard hux qed jintlaħaq jew le.

***kurrikulu*** tfisser l-interazzjonijiet, l-attivitajiet u l-avvenimenti kollha - kemm diretti kif ukoll indiretti, ippjanati u spontanji – li huma esperjenzati mit-tfal f'ċentru tal-ECEC.

***partijiet interessati*** tirreferi għal dawk kollha li huma investiti fl-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal fis-servizzi tal-ECEC, primarjament it-tfal infushom, il-ġenituri, il-familji, il-Persuna Legalment Responsabbli (LRP), il-membri kollha tal-istaff u l-komunità usa' li tibbenefika mill-provvediment tal-ECEC.

***Persuna Legalment Responsabbli (LRP)*** tirreferi għall-persuna li hija legalment responsabbli għall-operazzjoni taċ-ċentru.

***politika*** tfisser dikjarazzjoni, fil-livell nazzjonali jew ċentrali, maħsuba biex tinfluwenza u tiddetermina d-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet, u kwistjonijiet oħra relatati mas-servizzi pprovduti.
proċedura tfisser mod stabbilit ta' kif jitwettqu azzjonijiet speċifiċi fiċ-ċentru tal-ECEC.
proċess tfisser serje ta' azzjonijiet, avvenimenti, proċeduri, jew passi interrelatati li jwasslu kollha lejn l-għan ewlieni.

1 Uħud mit-termini ġew adattati minn Licensing Criteria for Early Childhood Education and Care Services 2008 u l-Qafas tal-Kurrikulu għall-Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal (Kif emendat f'Ġunju 2018), (pp. 5-7).

2 Il-Ministeru għall-Familja, id-Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali (2017) Politika Nazzjonali tat-Tfal.

***servizz*** tfisser il-forniment offrut permezz tal-operat ta' ċentru tal-ECEC għal dawk li għandhom bejn 0 u 3 snin.

***standard*** tfisser il-livell meħtieġ u maqbul tal-forniment tas-servizz. Huwa meqjus ukoll bħala kriterju jew speċifikazzjoni definita li jrid jiġi ssodisfat sabiex jintlaħaq il-livell meħtieġ.

***trawwim tal-kura*** tfisser sett ta' kundizzjonijiet li jipprovdu għas-saħħa, in-nutrizzjoni, is-sikurezza u sigurtà tajba tat-tfal, u l-opportunitajiet għal tagħlim bikri permezz ta' ħarsien interattiv, ta' appoġġ emozzjonali u reattiv[3].



3 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2018).). Nurturing Care for Early Childhood Development: A Framework for Helping Children Survive and Thrive to Transform Health and Human Potential, p. 18, 47.

# Il-Proċess ta' Konsultazzjoni

## Il-Grupp ta' Referenza

Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED) ħatar grupp ta' referenza bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-aġġornament tal-istandards. Il-grupp ta' referenza pprovda feedback inizjali u pariri indipendenti dwar l-abbozz tal-istandards proposti qabel ma dan inħareġ għal konsultazzjoni pubblika usa'.

Il-membri tal-grupp ta' referenza huma prattikanti u esperti fl-oqsma tad-dispożizzjoni tal-ECEC għal tfal taħt it-3 snin. F'konformità man-natura multidixxiplinarja tad-dispożizzjoni tal-ECEC ta' kwalità għolja, il-membri inkludew ukoll rappreżentanti minn ministeri governattivi oħra biex jiżguraw approċċ kunċettwali multisettorjali għall-ippjanar.

Il-Grupp ta' Referenza inkluda rappreżentant wieħed minn kull waħda mill-entitajiet elenkati hawn taħt f'ordni alfabetiku:

- Assoċjazzjoni tal-Iskejjel Indipendenti (ISA)
- Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja (CSA)
- Childcare Centre Providers Association (CCPA)
- Early Childhood Development Association Malta (ECDAM)
- Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES)
- Happy Parenting Malta for Happier Children
- Il-Kamra tal-SMEs ta' Malta
- Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST)
- Il-Kummissarju għat-Tfal
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA)
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Dipartiment għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar (DLAP)
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE)
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Konsulent Legali
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Perit
- Il-Ministeru għall-Edukazzjoni - Servizz Nazzjonali għas-Sapport tal-Iskejjel (NSSS)
- Il-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli
- Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali
- Il-Ministeru għas-Saħħa
- Istitut għall-Edukazzjoni (IfE)
- Jobsplus
- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)
- L-Università ta' Malta
- Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM)

Il-Grupp ta' Referenza kien kopresedut minn Dr Jacqueline Vanhear, Direttur - Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità, u l-Prof Carmen Dalli, bħala l-espert estern.

# Proċess ta' Konsultazzjoni Sostnut

Wara analiżi tal-feedback u l-pariri inizjali mill-grupp ta' referenza, l-Istandards Nazzjonali proposti ġew emendati mill-kopresidenti b'kollaborazzjoni mad-DQSE biex jirriflettu d-diskussjonijiet matul il-laqgħat li saru online.

L-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0–3 snin) imbagħad ġew ippubblikati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni fuq is-sit ta' konsultazzjoni online (www.konsultazzjoni.gov.mt) bejn Ġunju u Lulju 2021 għal konsultazzjoni pubblika aktar wiesgħa. Il-pubbliku seta' jipparteċipa jew permezz ta' stħarriġ online, jew billi jibgħat il-kunsiderazzjonijiet u l-kummenti tiegħu bil-posta jew permezz ta' email.

Barra minn hekk, ġew ikkoordinati ħames diskussjonijiet online permezz ta' focus groups minn konsulenti esperti fl-edukazzjoni; fejn kull focus group ħa bejn wieħed u ieħor sagħtejn. Il-Figuri 1 u 2 jiddeskrivu l-ispettru wiesa' tal-partijiet interessati (n=157) li pparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-focus group.

| **Il-partijiet interessati** | **Reġistrazzjonijiet** |
|---|---|
| Membri tal-Grupp ta' Referenza | 23 |
| Entitajiet li jmexxu istituzzjonijiet u/jew jipprovdu servizzi relatati mal-ECEC | 22 |
| Fornituri ta' Servizzi tal-Ħarsien tat-Tfal | 63 |
| Ġenituri/kustodji legali li għandhom tfal bejn l-etajiet ta' 0–3 snin | 49 |
| | **157** |

*Illustrazzjoni 1: L-għadd ta' persuni interessati rreġistrati għall-focus groups skont il-gruppi (Gatt & Schembri, 2021)*

## Reġistrazzjonijiet




*Illustrazzjoni 2: Perċentwali tad-distribuzzjoni tar-reġistranti (Gatt & Schembri, 2021)*

Il-feedback mill-konsultazzjoni pubblika wiesgħa ngħabar f'rapport (Gatt & Schembri, 2021[4]) li jagħti dettalji dwar ir-reazzjonijiet, it-tħassib, il-kwistjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet. Ir-rapport jiġbor il-vuċijiet ta' aktar minn 150 parti interessata li pparteċipaw fil-ħames focus groups online flimkien mal-kontribuzzjonijiet li ngħabru permezz tas-sit ta' konsultazzjoni online.

4 Il-feedback mill-konsultazzjoni pubblika wiesgħa ngħabar f'rapport (Gatt & Schembri, 2021 ) li jagħti dettalji dwar ir-reazzjonijiet, it-tħassib, il-kwistjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet. Ir-rapport jiġbor il-vuċijiet ta' aktar minn 150 parti interessata li pparteċipaw fil-ħames focus groups online flimkien mal-kontribuzzjonijiet li ngħabru permezz tas-sit ta' konsultazzjoni online.

# Introduzzjoni

## Kuntest tal-isfond

Huwa rikonoxxut internazzjonalment li iż-żmien tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (ECEC) huwa l-aktar żmien importanti fil-ħajja tat-tfal u għandu impatt dirett fuq kif it-tfal javviċinaw it-tagħlim fil-futur tagħhom u fuq l-isfidi soċjali u emozzjonali li jiltaqgħu magħhom. Barra minn hekk, ir-riċerka turi li l-investiment fis-snin bikrin huwa wieħed mill-interventi l-aktar kosteffettivi li pajjiż jista' jagħmel biex jipproduċi l-ogħla redditu ekonomiku fil-kapital uman meta mqabbel ma' investimenti magħmula fi stadji aktar tard fil-ħajja.

Mill-1 ta' Lulju 2016, ir-responsabbiltà għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna tas-servizzi tal-ECEC (0–3 snin) għaddiet mid-Dipartiment tal-Istandards tal-Għajnuna Soċjali (DSWS) fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS) għad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED). Il-viżjoni wara din il-bidla hija li t-tfal jiġu pprovduti b'esperjenza ta' tagħlim u kura aktar komprensiva u bla xkiel, filwaqt li jiġi żgurat qafas koerenti u kkoordinat għall-governanza. Il-bidla tirrifletti wkoll impenn biex jinkiseb bilanċ bejn l-obbligi u t-titjib permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa bejn id-DQSE bħala l-korp tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-fornituri tas-servizzi. Ir-rwol tad-DQSE huwa li jipprovdi gwida xierqa u tagħlim professjonali matul il-proċess ta' regolamentazzjoni u l-fornituri tas-servizzi huma l-partijiet interessati ewlenin biex jimplimentaw standards ta' titjib fil-kwalità. Il-viżjoni ta' settur tal-ECEC ta' kwalità teħtieġ impenn mill-partijiet interessati kollha.

Il-kwalità hija fenomenu kumpless. Fl-2018, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal li kellha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-aċċess u l-kwalità tas-sistemi tal-ECEC. Din il-proposta inkludiet Qafas ta' Kwalità, li identifiat 5 komponenti ewlenin:

- l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;
- it-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-istaff inkarigat mill-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal fis-snin bikrin;
- definizzjoni ta' kurrikuli xierqa;
- il-governanza u l-finanzjament;
- il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sistemi.

Wara negozjati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet adottata mill-Ministri tal-Edukazzjoni fil-Kunsill fit-22 ta' Mejju 2019[5].

Minkejja n-natura kkontestata tal-kunċett ta' kwalità, ġew identifikati rakkomandazzjonijiet li jgħinu fil-produzzjoni u l-assigurazzjoni ta' kwalità għolja. Dawn jinkludu miżuri li jaffettwaw il-kwalità tal-istruttura, il-proċess u l-kisbiet tad-dispożizzjoni tal-ECEC. L-istandards f'dan id-dokument intenzjonalment iqisu dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- Il-kwalità strutturali[6] tikkonsisti f'aspetti li jikkunsidraw kif iċ-ċentru tal-ECEC huwa mfassal u organizzat. Dan jinkludi l-kwalifiki u l-ħiliet tal-istaff, id-daqs tal-gruppi, il-proporzjon tal-istaff man-numru ta' tfal, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà, u politiki, proċeduri u prattiki li għandhom impatt dirett fuq l-organizzazzjoni taċ-ċentru. Il-kwalità strutturali hija indirizzata fil-Qasam ta' Kwalità 1 ta' dan id-dokument.
- Il-kwalità tal-proċess[7] tqis aspetti li għandhom influwenza diretta fuq l-esperjenzi, il-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal fi ħdan ċentru tal-ECEC. Dawn jinkludu r-relazzjonijiet bejn il-membri tal-istaff u t-tfal, l-approċċ integrat għall-ħarsien u t-tagħlim, il-prattiki pedagoġiċi ta' kuljum, u l-involviment tal-ġenituri. Il-kwalità tal-proċess hija indirizzata f'dan id-dokument fil-Qasam ta' Kwalità 2.
- Il-kwalità tal-kisbiet[8] tinkludi kisbiet konjittivi, lingwistiċi, soċjali, emozzjonali u fiżiċi/ta' saħħa. L-istandards f'dan id-dokument huma kollha maħsuba biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-kwalità fir-riżultati.

5 Aktar informazzjoni disponibbli online: Early Childhood Education and Care | Education and Training (europa.eu)
6 Ara Taguma, Litjens, u Makowiecki, 2013.
7 Ara Taguma, Litjens, u Makowiecki, 2013.
8 Ara Taguma, Litjens, u Makowiecki, 2013.

Wara l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) u l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), dawn l-istandards jirrikonoxxu d-dritt tat-tfal għal edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha, irrispettivament mill-età, is-sess, ir-razza, l-etniċità, it-twemmin u l-kulur tal-ġilda. Dan huwa konformi mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jenfasizza li t-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni bikrija affordabbli u ħarsien ta' kwalità tajba.

Barra minn hekk, fil-livell internazzjonali, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 tan-NU (SDG 4), li joħroġ mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, jappella lill-Istati Membri biex "jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwitabbli u jippromwovu opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd" sal-2030. Dan huwa rifless fil-Viżjoni ta' Żvilupp Sostenibbli ta' Malta sal-2050[9] li tappella għal "opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sat-tagħlim għall-adulti, biex jiġi żgurat li t-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti kollha jkollhom l-opportunità li jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex ikunu ċittadini attivi u biex jirnexxu fix-xogħol u fis-soċjetà."

Biex isir progress lejn l-SDG 4, il-komunità globali adottat il-Qafas ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni 2030 (2015[10]), li fost dispożizzjonijiet oħra jenfasizza l-importanza ta':

- "id-disinn u l-implimentazzjoni ta' programmi inklużivi, aċċessibbli u integrati u servizzi u infrastruttura ta' kwalità għat-tfulija bikrija, li jkopru l-ħtiġijiet tas-saħħa, in-nutrizzjoni, il-protezzjoni u l-edukazzjoni, speċjalment għat-tfal b'diżabilità, u l-appoġġ [għal min għandu l-kustodja tat-tfal] bħala l-ewwel persuni li jagħtu l-kura lit-tfal"; u
- "it-tfassil ta' politiki, strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ċari għall-professjonalizzazzjoni tal-istaff tal-ECCE permezz tat-tisħiħ u l-monitoraġġ tal-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, l-istatus u l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u l-assessjar tal-politiki u l-programmi tal-ECCE sabiex tittejjeb il-kwalità tagħhom."

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, dawn l-istandards nazzjonali huma għalhekk ikkaratterizzati mill-impenn għal viżjoni tal-edukazzjoni inklużiva kif stabbilit fil-Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva għal Malta (MEDE, 2019[11]) fejn l-edukazzjoni inklużiva ġiet definita bħala dik li:

> ***"tevalwa u taċċetta d-diversità, il-valur tagħha u d-dritt tal-istudenti li mhux biss jattendu l-iskejjel ġenerali, iżda wkoll li jħossuhom jappartjenu bħala membri apprezzati permezz tal-parteċipazzjoni attiva u telimina ostakli li jillimitaw il-parteċipazzjoni u l-kisbiet tal-istudenti kollha, tirrispetta l-ħtiġijiet, l-abbiltajiet u l-karatteristiċi differenti." (MEDE, 2019 p. 6).***

## Ir-rilevanza tal-istandards

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni indika l-ECEC bħala waħda mill-prijoritajiet u l-ixprunaturi fl-isforzi kontinwi tiegħu biex jintlaħqu l-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) u b'mod partikolari l-mira SDG 4: L-assigurazzjoni ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwitabbli u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd. L-SDG 4.2 għandu l-għan li l-bniet u s-subien kollha jkollhom aċċess għal żvilupp, kura u edukazzjoni ta' kwalità fit-tfulija bikrija tagħhom fl-istadju ta' qabel il-primarja sabiex ikunu lesti għall-edukazzjoni primarja.

F'dan il-kuntest, l-Istandards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum (2006) ipprovdew bażi robusta għad-dispożizzjoni tal-ECEC. Madankollu, il-Ministeru għall-Edukazzjoni impenja ruħu li jaġġorna dawn l-istandards nazzjonali sabiex:

i. jirriflettu l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-ECEC (0–3 snin) f'kuntest Malti. B'konsegwenza ta' hekk, dan id-dokument jinkludi wkoll standards relatati mal-forniment ta' servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl (0–3 snin);
ii. ikunu konformi mar-riċerka u l-prattika tal-ECEC li qed isiru bħalissa dwar tfal ta' bejn 0–3 snin;
iii. jiżviluppaw u jsaħħu suq tax-xogħol soċjalment aktar ġust u attiv fil-gżejjer Maltin, billi jsostnu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' servizzi ta' kwalità tal-ECEC;
iv. jiżguraw li dawn l-istandards, iffukati fuq is-servizzi tal-ECEC għal dawk li għandhom bejn 0 u 3 snin, ikunu konsistenti mal-qafas ġenerali għall-pedagoġija ta' Snin Bikrin (0 sa 7 snin) fi ħdan il-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (2012).

9 Disponibbli fuq: https://sustainabledevelopmentcms.gov.mt/en/Pages/National-Strategy/Vision-2050.aspx
10 Disponibbli fuq: https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000245656
11 Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2019) disponibbli fuq: https://education.gov.mt/inclusion/Documents/MEDE_Inclusion_Framework_Sep2019web.pdf

L-istandards kollha huma infurmati mill-prinċipji tad-dokument ta' politika *Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (MEDE, 2012), kif ukoll politiki u riċerka nazzjonali, Ewropej u internazzjonali li jinkorporaw l-elementi ewlenin tal-aħjar prattika fl-ECEC. Dawn l-istandards huma maħsuba biex japplikaw bl-istess mod għas-servizzi tal-ECEC li joperaw kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat.

## L-użu tal-Istandards Nazzjonali

Dan id-dokument jiffoka fuq dak li l-partijiet interessati kollha għandhom jistennew minn servizz rregolat tal-ECEC biex jiġi żgurat il-benesseri ġenerali tat-tfal kollha.

Il-fornituri tas-servizzi għandhom jirreferu għal dan id-dokument biex isiru jafu x'inhu mistenni meta jipprovdu s-servizzi tal-ECEC u jieħdu l-passi meħtieġa biex jilħqu l-istandards nazzjonali. Dawn l-istandards se jinfurmaw ukoll lill-ġenituri dwar x'għandhom jistennew minn ċentru regolat. Id-dokument jipprovdi l-qafas għall-monitoraġġ u l-assigurazzjoni tal-kwalità u r-riżultati tal-provvediment tas-servizzi tal-ECEC.

## Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istandards Nazzjonali

Id-DQSE huwa responsabbli li jħaddem sistema regolatorja għas-settur tal-ECEC (0–3 snin). Huwa jippromwovi dan id-dokument biex jimmassimizza l-aħjar prattiki fil-forniment tas-servizzi tal-ECEC.

L-uffiċjali tad-DQSE jimmonitorjaw u jirregolaw dawn is-servizzi permezz ta' żjara li fiha janalizzaw il-konformità u din tkun segwita minn rapport bil-miktub ibbażat fuq l-istandards ippreżentati f'dan id-dokument. Dan il-proċess jgħin lill-fornituri jirriflettu, jiffukaw u jimmaniġġjaw l-eżerċizzju ta' reviżjoni interna taċ-ċentru, u jiggwidahom biex ikomplu jtejbu dejjem is-servizz waqt li jissodisfaw l-istandards mistennija.

## Tipi ta' dispożizzjoni tal-ECEC

Il-firxa ta' servizzi tal-ECEC tinkludi servizzi bbażati f'Ċentru u fuq il-Post tax-Xogħol.

- ***Servizzi Bbażati f'Ċentru*** bħalissa huma l-aktar tip komuni ta' servizz tal-ECEC. Il-bini ta' dawn iċ-ċentri huwa mgħammar u użat biss għad-dispożizzjoni tal-ECEC. F'dawk il-każijiet fejn ċentru jkun maġenb id-dar tal-fornitur tas-servizz, iċ-ċentru jeħtieġ li jkollu entratura separata. L-istess japplika meta ċ-ċentru jifforma parti minn, jew ikun maġenb, skola.
- ***Servizzi Bbażati fuq il-Post tax-Xogħol*** huma pprovduti fil-bini/binjiet okkupat minn min iħaddem, fejn l-impjegati fil-fatt jaħdmu u fejn il-bini jintuża esklussivament bħala post tax-xogħol. Dawn iċ-ċentri huma mgħammra b'mod xieraq, u jintużaw biss għas-servizzi tal-ECEC mogħtija lit-tfal tal-ħaddiema li huma impjegati minn dak l-istess persuna jew grupp li qed iħaddimhom f'dak il-post. Iċ-ċentri bbażati fuq il-post tax-xogħol m'għandhomx għalfejn ikollhom entratura prinċipali separata iżda jridu jkunu jinsabu fil-bini/post fejn l-impjegati fil-fatt jaħdmu.

  In-natura tal-operazzjoni/jiet tax-xogħol u/jew fatturi oħra fil-viċinanzi m'għandhom jippreżentaw l-ebda periklu għat-tfal li jużaw dan is-servizz jew b'xi mod jillimitaw il-provvediment tas-servizz. Dawn iċ-ċentri għandhom jissodisfaw il-kriterji kollha applikabbli għas-servizzi bbażati f'Ċentru, bl-eċċezzjoni li m'għandhomx għalfejn ikollhom dħul separat.

## Forniment ta' servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl

*Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-istess standards u indikaturi f'dan id-dokument japplikaw għall-forniment tas-servizz ta' matul il-lejl.*

Il-fornituri taċ-childcare bbażati f'Ċentru u dawk ibbażati fuq il-Post tax-Xogħol jistgħu jagħżlu li jipprovdu servizz ta' matul il-lejl tal-ECEC għal tfal ta' bejn 0–3 snin. Dan sar b'reazzjoni għall-iżviluppi reċenti fl-ekonomija Maltija b'mod ġenerali u għall-parteċipazzjoni dejjem akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' dan is-servizz għandu l-għan li jkompli jżid u jsostni suq tax-xogħol ġust u attiv fil-gżejjer Maltin. Skont dan il-prinċipju, is-servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl huwa maħsub li jipprovdi servizz għal dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri, fil-każ

ta' familji b'żewġ ġenituri, jew fejn il-ġenitur fil-każ ta' familji b'ġenitur wieħed, ikunu f'impjieg regolat li jikkoinċidi mas-sigħat tal-forniment tas-servizz ta' matul il-lejl u li ma jkollhom l-ebda arranġamenti xierqa oħra għall-ħarsien tat-tfal tagħhom.

Għall-finijiet ta' reġistrazzjoni, il-forniment tas-servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl għandu jitqies bħala dak is-servizz li jopera matul il-lejl bejn l-10pm u l-5am[12].

Il-forniment tas-servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl huwa servizz partikolari li għandu jrawwem ambjent kalm u mistrieħ li jissodisfa l-ħtiġijiet tat-tfal kollha. Iċ-ċentri li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiżguraw li r-ritmi naturali ta' kuljum tat-tfal, bħall-irqad, l-ikel, u l-logħob, jiġu rrispettati.

## Rakkomandazzjoni

***Fl-aħjar interess u għall-benesseri tat-tfal, il-ħin li huma jqattgħu mal-ġenituri għandu dejjem jiġi mmassimizzat. It-trabi u t-tfal żgħar ta' bejn 0–3 snin m'għandhomx iqattgħu aktar minn 45 siegħa fil-ġimgħa fis-servizz tal-ECEC[13].***



12 Is-sigħat operattivi jistgħu jvarjaw minħabba l-esiġenzi u kif miftiehem miċ-ċentru, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-benesseri ta' kull tifel/tifla u l-esiġenzi tal-ġenitur/i li jaħdmu.

13 Lowe Vandell, D. (2004). Early child care: The known and the unknown. Merrill-Palmer Quarterly, 50(3), 387–414. Irvine: L-Università ta' California..

# Il-Persuna Legalment Responsabbli (LRP)

Ir-responsabbiltà tal-assugurazzjoni tal-kwalità strutturali, dik proċesswali u tal-kisbiet f'ċentru tal-ECEC hija tal-Persuna Legalment Responsabbli (LRP). L-LRP jista' jiddelega r-responsabbiltajiet ta' rutina ta' kuljum lill-maniġer taċ-ċentru.

LRP irid ikollu 18-il sena jew aktar[14], u jkun fil-pussess ta' Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif. LRP għandu:

- jassigura li l-funzjonijiet taċ-ċentru jkunu konformi mal-istrateġiji, il-politiki u l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom;
- jassigura li l-bini fiżiku jkun konformi mal-istandards nazzjonali, il-leġiżlazzjonijiet u kwalunkwe aġġornament sussegwenti;
- jassigura li l-membri tal-istaff reklutati jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà;
- jassumi r-responsabbiltà legali għall-provvediment tat-tagħlim u l-ħarsien tat-tfal, kif preskritt mill-istandards nazzjonali, l-istrateġiji nazzjonali, il-politiki, il-leġiżlazzjoni u kwalunkwe aġġornament sussegwenti;
- jirrappreżenta ċ-ċentru taċ-childcare rreġistrat u jkollu l-prokura;
- jassumi r-responsabbiltà għall-ġestjoni xierqa tal-finanzi;
- jissorvelja li ċ-ċentru qed iwettaq il-proċessi tar-reviżjoni interna b'mod effettiv;
- jissorvelja li r-rakkomandazzjonijiet identifikati mid-DQSE qed jiġu implimentati;
- huwa mixtieq li l-LRP ikollu xi għarfien dwar it-teorija u l-prattika tal-ECEC.

14 14 Jekk l-LRP huwa wkoll il-maniġer taċ-ċentru, huwa għandu jkollu 21 sena jew aktar.

# L-Oqsma ta' Kwalità

Dan id-dokument jikkategorizza l-għaxar standards tal-*Istandards* Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum (MFSS, 2006) taħt żewġ oqsma ta' kwalità wiesgħa (irreferi għat-Tabella 1). Kull qasam ta' kwalità huwa sostnut minn għadd ta' standards u indikaturi (irreferi għat-Tabella 2).

- Qasam ta' Kwalità 1: Il-Kwalità tal-Ambjent tat-Tagħlim
- Qasam ta' Kwalità 2: Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien

**Tabella 1: L-10 Standards (MFSS, 2006) ikkategorizzati f'żewġ Oqsma ta' Kwalità wiesgħa**

| Mill-***Istandards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum*** (MFSS, 2006) | Għall-***Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal- Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0–3 snin)*** |
|---|---|
| **Standard 1:** Persuni Idoneji<br>**Standard 2:** L-Ambjent Fiżiku, Post u Tagħmir<br>**Standard 4:** Saħħa u s-Sigurtà tat-Tfal<br>**Standard 8:** Protezzjoni tat-Tfal<br>**Standard 9:** Ikel u Xorb | **Qasam ta' *Kwalità 1***<br>**Il-Kwalità tal-Ambjent tat-Tagħlim** |
| **Standard 3:** Tmexxija u Organizzazzjoni<br>**Standard 5:** Kura, Tagħlim u Logħob<br>**Standard 6:** Ħidma f'Assoċjazzjoni mal-Ġenituri<br>**Standard 7:** Ġestjoni tal-Imġiba<br>**Standard 10:** Opportunitajiet Indaqs u Tfal bi Bżonnijiet Speċjali | ***Qasam ta' Kwalità 2***<br>**Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien** |

**Tabella 2: L-istandards aġġornati kkategorizzati f'żewġ oqsma wiesgħa**

| Il-Kwalità tal-Ambjent tat-Tagħlim | |
|---|---|
| **Standard 1.1** | Il-maniġer taċ-ċentru u l-membri tal-istaff jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà rispettivi u għandhom l-attributi u l-kompetenzi personali li huma meħtieġa għar-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom. |
| **Standard 1.2** | L-impjegati kollha li jaħdmu mat-tfal għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni uffiċjali tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (POMA). |
| **Standard 1.3** | Jinżammu proporzjonijiet xierqa ta' edukaturi tat-ECEC mat-tfal, u l-għadd massimu ta' tfal li huwa permess skont l-istatus meħtieġ għall-operazzjoni, ma jinqabiżx. |
| **Standard 1.4** | Il-bini huwa adattat għas-servizz ipprovdut. |
| **Standard 1.5** | Il-bini u t-tagħmir huma sikuri, protetti, nodfa u jirċievu manutenzjoni regolari. |
| **Standard 1.6** | Is-saħħa, il-benesseri u s-sikurezza tat-tfal, inkluż id-dritt tat-tfal li jkunu protetti minn kwalunkwe abbuż, huma promossi u żgurati f'kull ħin. |
| **Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien** | |
| **Standard 2.1** | Il-ħiliet effettivi tat-tmexxija, l-għarfien u l-kapaċitajiet tal-maniġer taċ-ċentru jissapportjaw il-provvediment ta' edukazzjoni u ħarsien li jissodisfaw l-istandards regolati. |
| **Standard 2.2** | It-tfal kollha huma milqugħa u inklużi f'ambjent adattat għalihom li huwa bbażat fuq il-logħob u li jrawwem it-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom. |
| **Standard 2.3** | Il-kurrikulu jgħin lit-tfal biex javvanzaw fit-tagħlim tagħhom b'kisbiet mit-tagħlim mixtieqa u bil-pass tagħhom. |
| **Standard 2.4** | L-ambjent u r-riżorsi jappoġġaw il-logħob, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal. |
| **Standard 2.5** | L-edukaturi tal-ECEC irawmu relazzjonijiet sinifikanti u jinvolvu ruħhom f'interazzjonijiet ta' kwalità għolja, pjaċevoli u stimolanti biex itejbu l-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal. |
| **Standard 2.6** | Iċ-ċentru jilqa' lill-ġenituri u jrawwem sħubija kollaborattiva biex jappoġġa l-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal. |

# Qasam ta' Kwalità 1: Il-Kwalità tal-Ambjent tat-Tagħlim

**Standard 1.1**
**Il-maniġer taċ-ċentru u l-membri tal-istaff jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà rispettivi u għandhom l-attributi u l-kompetenzi personali meħtieġa għar-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom.**

**A. Maniġer taċ-Ċentru**

| | |
|---|---|
| Ir-responsabbiltajiet li jiddefinixxu r-rwol[15] | **L-organizzazzjoni u l-ġestjoni ġenerali taċ-Ċentru**<br>1. responsabbli għall-organizzazzjoni u t-tmexxija mingħajr skossi ta' kuljum taċ-Ċentru;<br>2. jikkoordina u jimplimenta b'mod effettiv il-politiki, il-proċeduri u l-prattiki taċ-Ċentru, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu jirriflettu l-leġiżlazzjoni, il-politiki, l-istandards u l-istrateġiji nazzjonali;<br>3. imexxi l-implimentazzjoni ta' sistemi, proċeduri u prattiki li jappoġġaw il-provvediment ta' kwalità għolja fl-esperjenzi edukattivi u ħarsien tat-tfal;<br>4. jiżgura li l-politiki, il-proċeduri u l-prattiki taċ-Ċentru jiġu riveduti u aġġornati regolarment;<br>5. jiżgura li kwalunkwe bidla u/jew modifika fil-politiki u l-proċeduri taċ-Ċentru jkunu riflessi fil-Manwal tal-Politiki u l-Proċeduri taċ-Ċentru;<br>6. jissalvagwardja s-saħħa u s-sikurezza fiċ-ċentru kollu;<br>7. imexxi proċess ta' reviżjoni effettiva interna biex jevalwa l-kwalità tal-prattiki taċ-ċentru, jidentifika u jindirizza oqsma li jistgħu jeħtieġu titjib;<br>8. jikkontribwixxi għall-għażla u r-reklutaġġ ta' membri tal-istaff kif meħtieġ;<br>9. jikkoordina mal-LRP biex jiżgura pjanar effettiv għall-baġit u l-użu tiegħu għat-tmexxija ta' kuljum taċ-Ċentru.<br><br>**Jissorvelja t-tagħlim u l-benesseri tat-tfal**<br>10. jiggwida u jiżgura l-implimentazzjoni ta' kurrikulu olistiku li għandu fiċ-ċentru tiegħu lit-tfal;<br>11. jissalvagwardja u jippromwovi d-drittijiet u l-benesseri tat-tfal kollha f'kull ħin;<br>12. jiżgura l-inklużjoni tat-tfal kollha u opportunitajiet ekwitabbli għal kulħadd;<br>13. jissorvelja l-esperjenzi ta' tagħlim tat-tfal biex jiżgura l-attenzjoni għall-iżvilupp ġenerali ta' kull tifel/tifla, jiggwida lill-ġenituri u lill-membri tal-istaff, u jikkoordina ma' kwalunkwe servizz speċjalizzat kif meħtieġ;<br>14. jidentifika u jimminimizza r-riskji għat-tfal u jittratta b'mod xieraq kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza;<br>15. jinteraġixxi, jisma' u jitħaddet mat-tfal kollha. |

15 Ibbażat fuq National Occupational Standards: Centre Manager.

| | |
|---|---|
| | **Koordinazzjoni mal-ġenituri u partijiet interessati oħra**<br>16. jibni u jżomm relazzjonijiet pożittivi mal-partijiet interessati kollha, inkluż mal-Persuna Legalment Responsabbli, l-Edukaturi tal-ECEC u l-membri oħra tal-istaff, ġenituri, tfal u professjonisti/aġenziji esterni;<br>17. jappoġġa lill-ġenituri minn xħin jirreġistraw lit-tfal tagħhom u matul il-fażijiet ta' tranżizzjoni;<br>18. jikkomunika l-politiki, il-proċeduri u l-prattiki taċ-ċentru lill-ġenituri u jiżgura li dawn jiġu segwiti;<br>19. jikkonsulta mal-ġenituri u l-istaff bħala parti mir-reviżjonijiet regolari tal-Manwal tal-Politiki u l-Proċeduri u għal skopijiet ta' reviżjoni interna;<br>20. jistabbilixxi u jżomm komunikazzjonijiet effettivi u regolari kemm fi ħdan iċ-ċentru kif ukoll mal-ġenituri u ma' partijiet interessati esterni oħra;<br>21. jikkollabora mal-ġenituri u jinkoraġġixxi l-impenn attiv tagħhom;<br>22. jikkomunika regolarment mal-ġenituri dwar il-progress u l-iżvilupp tat-tfal tagħhom u l-benesseri ġenerali.<br><br>**Il-ġestjoni tal-membri tal-istaff u l-iżvilupp professjonali**<br>23. jiżgura li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-istaff ikunu ċari għal kulħadd;<br>24. jiżgura li l-membri l-ġodda tal-istaff ikunu ggwidati lejn prattiki tajbin u li l-progress tagħhom jiġi mmonitorjat;<br>25. jissorvelja u jiggwida l-progress u l-kwalità tax-xogħol tal-membri tal-istaff;<br>26. jipprovdi u/jew jiffaċilita opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għall-membri tal-istaff fuq bażi regolari;<br>27. kapaċi jirrifletti u li jipparteċipa fi żvilupp professjonali kontinwu regolari u rilevanti għar-rwol tiegħu. |
| **Età** | 28. 21 sena jew aktar |
| **Esperjenza** | 29. minimu ta' sena esperjenza ta' xogħol bħala edukatur fis-snin bikrin. |
| **Kwalifiki** | 30. minimu ta' kwalifika fil-Livell 5 tal-MQF b'mill-inqas 60 ECTS fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin, inklużi l-pedagoġija, it-tmexxija u l-ġestjoni, jew komparabbli;<br>31. pass fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti jew fil-Malti bħala Lingwa Barranija u fl-Ingliż jew komparabbli[16];<br>32. ċertifikat validu fl-Ewwel Għajnuna Pedjatrika;<br>33. ċertifikat validu fl-Immaniġġjar tal-Ikel. |
| **Referenzi** | 34. ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif li għandu jiġi ppreżentat kull sena;<br>35. formola ta' awtodikjarazzjoni[17]. |

16 Irreferi għal Il-Politika Lingwistika għas-Snin Bikrija f'Malta u Għawdex (MEDE, 2015). Il-maniġers taċ-ċentri li huma diġà impjegati u li jeħtieġu aktar taħriġ fil-Malti jew fl-Ingliż, jew fiż-żewġ lingwi, jistgħu jirreġistraw f'kors tal-lingwa akkreditat u rikonoxxut biex jiksbu profiċjenza.

17 LN 206/2016

## B. Edukatur tal-ECEC (CCE)

| | |
|---|---|
| Ir-responsabbiltajiet li jiddefinixxu r-rwol[18] | **Ħidma fiċ-ċentru**<br>1. jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji taċ-ċentru;<br>2. jikkontribwixxi għat-tmexxija ta' kuljum taċ-ċentru;<br>3. jmplimenta l-politiki, proċeduri u prattiki li jirriflettu esperjenza ta' edukazzjoni u ħarsien ta' kwalità għolja għat-tfal;<br>4. jikkontribwixxi għar-reviżjoni u l-aġġornament regolari tal-politiki, il-proċeduri u l-prattiki taċ-ċentru;<br>5. ikun lest li jaġixxbħala punt ta' referenza fil-każ ta' emerġenzi fin-nuqqas tal-maniġer taċ-ċentru;<br>6. isegwi u jżomm ambjent b'saħħtu, protett u sigur fiċ-ċentru;<br>7. jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-kwalità interna tal-prattiki tas-servizz u l-oqsma li jistgħu jeħtieġu titjib;<br>8. jikkontribwixxi għall-ippjanar tal-iżvilupp taċ-ċentru u jimxi miegħu.<br><br>**Ħidma għat-tagħlim u l-benesseri tat-tfal**<br>9. isegwi u jimplimenta kurrikulu olistiku ffukat fuq it-tfal u skont il-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu;<br>10. jipprovdi kura fiżika li tippromwovi s-saħħa, il-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal kollha;<br>11. joħloq ambjent li jippromwovi u jinkoraġġixxi t-tagħlim u mġiba pożittiva;<br>12. jippjana u jiffaċilita t-tagħlim u l-iżvilupp olistiċi ta' kull tifel u tifla;<br>13. jissorvelja l-progress olistiku ta' kull tifel u tifla fit-tagħlim u l-iżvilupp;<br>14. jassessja t-tagħlim u l-iżvilupp olistikuta' kull tifel jew tifla;<br>15. jirrikonoxxi u jwieġeb għall-ħtiġijiet individwali differenti ta' kull tifel u tifla, filwaqt li jiżgura l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni fil-firxa sħiħa ta' esperjenzi ta' tagħlim li jseħħu;<br>16. jisma', jitkellem u jinteraġixxi b'mod attiv mat-tfal kollha;<br>17. jissorvelja l-esperjenzi ta' tagħlim tat-tfal biex jiżgura l-attenzjoni għall-iżvilupp ġenerali ta' kull tifel/tifla, jiggwida lill-ġenituri u lill-membri tal-istaff, u jikkoordina ma' kwalunkwe servizz speċjalizzat kif meħtieġ;<br>18. jidentifika u jimminimizza r-riskji għat-tfal u jittratta b'mod xieraq kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza;<br>19. jinteraġixxi, jisma' u jitħaddet mat-tfal kollha.<br>20. jipprovdi ambjent rikk fil-lingwi, u jiżgura bilanċ bejn l-użu tal-Malti u tal-Ingliż;<br>21. jappoġġa lit-tfal u l-familji tagħhom li huma bilingwi, multilingwi jew li l-lingwa preferuta tagħhom mhijiex il-Malti jew l-Ingliż. |

18 18 Ibbażat fuq *National Occupational Standards: Childcare Educator*

| | |
|---|---|
| | **Kollaborazzjoni mal-ġenituri u partijiet interessati oħra**<br>22. ikun disponibbli għall-partijiet interessati kollha, filwaqt li jiżviluppa u jrawwem relazzjonijiet pożittivi mal-ġenituri, it-tfal u l-professjonisti/aġenziji esterni;<br>23. jappoġġa lill-ġenituri fil-vjaġġ edukattiv tat-tfal tagħhom u matul il-fażijiet kollha ta' tranżizzjoni;<br>24. jiggwida u jappoġġa lill-ġenituri biex isegwu l-politiki, il-proċeduri u l-prattiki taċ-ċentru;<br>25. jikkomunika, jiggwida u jappoġġa lill-ġenituri fil-progress tat-tagħlim u l-iżvilupp ta' wliedhom;<br>26. jistabbilixxi u jżomm komunikazzjonijiet effettivi u regolari kemm fi ħdan iċ-ċentru, mal-ġenituri u mal-partijiet interessati esterni oħra.<br><br>**Kollaborazzjoni ma' membri oħra tal-istaff u żvilupp professjonali**<br>27. huwa prattikant li kapaċi jirrifletti u li jipparteċipa fi żvilupp professjonali kontinwu u regolari;<br>28. iżomm relazzjoni kollaborattiva u ta' rispett mal-Persuna Legalment Responsabbli, il-maniġer taċ-ċentru u membri oħra tal-istaff. |
| **Età** | 29. 18-il sena jew aktar |
| **Kwalifiki** | 30. kwalifika minima fil-Livell 4 tal-MQF b'mill-inqas 60 ECTS fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin jew komparabbli[19];<br>31. pass fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti jew fil-Malti bħala Lingwa Barranija u fl-Ingliż jew komparabbli[20];<br>32. ċertifikat validu fl-Ewwel Għajnuna Pedjatrika;<br>33. ċertifikat validu fl-Immaniġġjar tal-Ikel. |
| **Referenzi** | 34. ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif li għandu jiġi ppreżentat kull sena;<br>35. formola ta' awtodikjarazzjoni[21]. |
| **Night ECEC Service Provision** | 36. fin-nuqqas tal-maniġer taċ-ċentru, wieħed mill-edukaturi tal-ECEC għandu jaġixxi bħala punt ta' referenza f'każ ta' emerġenza u jissorvelja s-servizz ta' matul il-lejl filwaqt li jaderixxi mal-istandards nazzjonali. |

19 Abbażi tan-National Occupational Standards: Childcare Educators.

20 Irreferi għal Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u Għawdex (MEDE, 2015). Edukaturi tal-ECEC li huma diġà impjegati u li jeħtieġu aktar taħriġ fil-Malti jew fl-Ingliż, jew fiż-żewġ lingwi, jistgħu jirreġistraw għal kors tal-lingwa akkreditat u rikonoxxut biex jiksbu profiċjenza.

21 LN 206/2016

Jista' jiġi impjegat ukoll dan l-istaff ta' appoġġ skont kif ġej:

| C. Assistent għall-Edukatur tal-ECEC (ACCE)[22] | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tar-rwol** | 1. jaħdem f'kollaborazzjoni mal-maniġer taċ-ċentru, mal-edukatur tal-ECEC li jkun qed jassisti u mal-ġenituri;<br>2. jassisti u jappoġġa lill-edukatur tal-ECEC fl-għoti tal-kura, fit-tagħlim u l-logħob (ara d-deskrizzjoni tar-rwol tal-edukaturi tal-ECEC hawn fuq);<br>3. jiżgura li t-tfal ikunu f'ambjent sikur u komdi u jirċievu l-attenzjoni personali meħtieġa biex jippromwovi t-tagħlim, il-ħarsien b'rispett, u l-benesseri olistiku tat-tfal. |
| **Età** | 4. 23 sena jew aktar[23] |
| **Prerekwiżiti u kwalifiki** | 5. evidenza ta' reġistrazzjoni ma' istituzzjoni akkreditata u liċenzjata mal-MFHEA li toffri taħriġ fit-teorija u l-prattika tal-indukrar tat-tfal fil-Livell 3 tal-MQF b'mill-inqas 30 ECTS li huwa organizzat speċifikament għall-Assistent tal-Edukatur tal-ECEC[24];<br>6. ħila li jikkomunika b'mod effettiv bil-Malti u bl-Ingliż[25];<br>7. ċertifikat validu fl-Ewwel Għajnuna Pedjatrika;<br>8. ċertifikat validu fl-Immaniġġjar tal-Ikel. |
| **Referenzi** | 9. ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif li għandu jiġi ppreżentat kull sena;<br>10. formola ta' awtodikjarazzjoni[26]. |

| D. Administrative Staff | |
|---|---|
| **Età** | 1. 18-il sena jew aktar |
| **Kwalifiki** | 2. skont ir-rekwiżiti taċ-ċentru |
| **Referenzi** | 3. ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif li għandu jiġi ppreżentat kull sena |

| E. Ancillary Staff | |
|---|---|
| **Età** | 1. 18-il sena jew aktar |
| **Kwalifiki** | 2. skont ir-rekwiżiti taċ-ċentru |
| **Referenzi** | 3. ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija validu u nadif li għandu jiġi ppreżentat kull sena |

22 L-assistenti tal-edukaturi tal-ECEC (ACCEs) jistgħu jiġu impjegati biex jassistu edukaturi tal-ECEC kkwalifikati u approvati sakemm mill-inqas 50% tal-istaff ikunu edukaturi tal-ECEC approvati bi kwalifika tal-livell 4 tal-MQF fit-teorija u l-prattika fil-kura tat-tfal (jew ekwivalenti). L-edukatur tal-ECEC ikkwalifikat u approvat għandu jaħdem b'kollaborazzjoni mal-Assistent għall-Edukatur tal-ECEC (ACCE) u jipprovdi l-appoġġ meħtieġ.

23 Dan ir-regolament jipprovdi l-opportunità lill-persuni li għandhom 23 sena jew aktar biex jirreġistraw biex jiksbu l-Livell 3 tal-MQF. Fuq medda twila ta' żmien, l-għan huwa li dawk kollha impjegati f'din il-kapaċità jagħmlu użu mill-opportunità li jaġġornaw l-istudju tagħhom għal kwalifika sħiħa.

24 Abbażi tan-National Occupational Standards: Assistant to the Childcare Educator.

25 Irreferi għall-Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u Għawdex (MEDE, 2015)

26 LN206/2016

## F. Trainee għal Edukatur tal-ECEC

*It-trainees għal edukaturi tal-ECEC li jieħdu taħriġ li jwassal għal kwalifika fil-livell 4 tal-MQF fit-teorija u l-prattika tal-indukrar tat-tfal ma għandhomx jingħaddu bħala parti mill-proporzjon tal-edukaturi tal-ECEC mat-tfal. Ir-rwol tagħhom fiċ-ċentru huwa marbut mar-rekwiżiti tal-kors tagħhom. Waqt il-placement fiċ-ċentru tal-ECEC, it-trainees għal edukaturi tal-ECEC għandhom jiġu ssorveljati minn membru tal-istaff li jkun innominat u kkwalifikat.*

## Standard 1.2
## L-impjegati kollha li jaħdmu mat-tfal għandhom ikollhom l-approvazzjoni uffiċjali tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (POMA).

**Indikaturi**

1. il-maniġer, l-edukaturi tal-ECEC u l-impjegati kollha (inkluż l-istaff anċillari possibilment issottokuntrattati) għandhom l-approvazzjoni uffiċjali tal-POMA;
2. POMA għandha tiġġedded kull sena

## Standard 1.3
## Jinżammu proporzjonijiet xierqa ta' edukaturi tal-ECEC mal-għadd tat-tfal, u n-numru massimu ta' tfal li huwa permess skont l-istatus meħtieġ għall-operazzjoni m'għandux jinqabeż.

**Indikaturi**

1. iċ-ċentru dejjem jikkonforma man-numru massimu ta' tfal permessi, skont l-istatus meħtieġ għall-operazzjoni;
2. iċ-ċentru jikkonforma mal-proporzjonijiet tal-edukaturi tal-ECEC mal-għadd ta' tfal kif ġej:

### Il-Proporzjoni tal-edukaturi tal-ECEC mal-għadd ta' tfal f'Servizzi bbażati f'Ċentru u Fuq il-Post tax-x-Xogħol

| Età tat-tfal (xhur) | L-għadd ta' tfal indukrati minn edukatur tal-ECEC kkwalifikat |
|---|---|
| 0 sa 12 | 3 |
| 13 sa 24 | 5 |
| 25 sa 36[27] | 6 |
| grupp imħallat[28] | 6 |

| Età tat-tfal (xhur) | Numru ta' tfal indukrati minn edukatur tal-ECEC ikkwalifikat u approvat U assistent tal-edukatur tal-ECEC29[29] |
|---|---|
| 0 sa 12 | 5 |
| 13 sa 24 | 8 |
| 25 sa 36[30] | 10 |
| grupp imħallat[31] | 10 |

27 Jista' jiġi estiż bi ftit ġimgħat sakemm il-minuri jkun jista' jiġi ammess f'Kindergarten.

28 Fi ħdan il-grupp imħallat, tifel wieħed biss jista' jkun taħt l-età ta' tmintax-il xahar.

29 Filwaqt li għandu jsir kull sforz biex ikun hemm konformità mal-proporzjonijiet stabbiliti, ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jeħtieġu xi flessibbiltà fl-applikazzjoni tagħhom. Irreferi għall-Appendiċi 1: Il-Permutazzjonijiet tal-Proporzjon. Il-limiti indikati f'dan l-appendiċi m'għandhom jinqabżu taħt l-ebda ċirkostanza..

30 Jista' jiġi estiż bi ftit ġimgħat sakemm il-minuri jkun jista' jiġi ammess f'Kindergarten.

31 Fi ħdan il-grupp imħallat, tifel wieħed biss jista' jkun taħt l-età ta' tmintax-il xahar.

| **Standard 1.4**<br>**Il-bini huwa adattat għas-servizz ipprovdut[32].** | |
|---|---|
| **Servizzi bbażati f'Ċentru** | 1. il-bini jsegwi l-prinċipji ta' disinn universali u jkun organizzat sabiex l-ispazji jkunu jistgħu jiġu aċċessati, mifhuma u użati, kemm jista' jkun minn kulħadd;<br>2. il-bini għandu jkollu 5m2 ta' spazju aċċessibbli għal kull tifel/tifla;<br>3. id-disinn taċ-ċentru għandu jippermetti l-moviment liberu tat-tfal bejn iż-żona u l-attivitajiet differenti u jippermettilhom li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra. Jippermetti wkoll li l-istaff ikun jista' jissorvelja u jinvolvi ruħu mat-tfal;<br>4. il-bini għandu infrastruttura tal-IT li tiffunzjona tajjeb u huwa mgħammar b'mod diġitali biex jappoġġa l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fiċ-ċentru;<br>5. il-bini jaħdem tajjeb għal kulħadd u jappoġġa l-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal f'firxa wiesgħa filwaqt li jipprovdi ambjent favorevoli għal staff differenti, membri tal-familja u viżitaturi. |
| **Forniment tas- Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl[33]** | 6. fil-provvediment tas-servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl, l-għadd ta' tfal għandu jirrifletti n-numru approvat ta' kottijiet u/jew sodod għall-irqad tat-tfal għal matul il-lejl;<br>7. ikun hemm distanza xierqa bejn il-kottijiet;<br>8. ambjent ħielsa minn kull disturb/inkonvenjenza għall-irqad u l-mistrieħ. |

| **Standard 1.5**<br>**Il-bini u t-tagħmir huma sikuri, protetti, nodfa u ssirilhom manutenzjoni regolari.** | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. il-bini, it-tagħmir u r-riżorsi użati fiċ-ċentru jiġu eżaminati u ddikjarati sikuri għall-użu mit-tfal u mill-membri tal-istaff;<br>2. ir-riżorsi kollha, inklużi r-riżorsi naturali jintużaw skont ir-rekwiżiti tas-sikurezza fir-rigward tal-età u l-kompetenzi tat-tfal;<br>3. iċ-ċentru għandu Rapport validu tal-Valutazzjoni tar-Riskju għas-Saħħa u s-Sigurtà li jitħejja minn persuna kompetenti u li jiġi aġġornat kif meħtieġ kull sentejn u mhux aktar tard minn hekk. Il-perikli li jwasslu għal riskji li huma inaċċettabbli għas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu kkontrollati skont is-severità tar-riskju tagħhom u jiġu rreġistrati f'Rapport aġġornat dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji;<br>4. l-installazzjoni elettrika għandha tiġi ċċertifikata bħala sikura kull sena minn elettriċista lliċenzjat. L-installazzjonijiet three-phase għandhom jiġu ċċertifikati minn elettriċista li għandu l-liċenzja B;<br>5. it-tagħmir elettriku kollu jrid jiġi sottomess għal PAT (Portable Appliance Testing) u jiġi ċċertifikat kull sena minn elettriċista lliċenzjat;<br>6. it-tagħmir u r-riżorsi kollha tal-logħob huma ddisinjati b'mod xieraq għat-tfal, jitnaddfu regolarment, u jinżammu sew;<br>7. il-bini jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, indafa u tiswija, u l-istaff iżomm u jinkoraġġixxi standards tajbin ta' iġjene[34];<br>8. il-bini huwa skont il-liġijiet u r-regolamenti Sanitarji;<br>9. persuni awtorizzati biss huma permessi jidħlu fiż-żoni ta' ġewwa u ta' barra taċ-ċentru. |

32 Irreferi għall-Kriterji ta' Reġistrazzjoni għas-Servizzi ta' Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0–3snin).
33 Reference made to Night ECEC Service Provision must take into account ALL indicators in the relevant standard.
34 Ir-rutini tat-tindif tal-bini jinkludu t-tindif ta' kuljum tar-riżorsi użati mit-tfal waqt il-logħob.

| **Standard 1.6**<br>**Is-saħħa, il-benesseri u s-sigurtà tat-tfal, inkluż id-dritt tat-tfal li jkunu protetti minn kwalunkwe abbuż, huma promossi u assigurati f'kull ħin.** | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. il-membri tal-istaff huma impenjati bis-sħiħ biex:<br>› jieħdu ħsieb kull tifel/tifla;<br>› jippromwovu saħħa tajba u s-sigurtà tat-tfal kollha;<br>› jieħdu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha biex jipprevjenu inċidenti u t-tixrid ta' infezzjoni fost it-tfal fiċ-ċentru;<br>› jissalvagwardjaw id-dritt tat-tfal li jkunu protetti minn kwalunkwe abbuż jew trattament fiżiku ħażin;<br>› jissorveljaw lit-tfal f'kull ħin inkluż waqt in-napping/l-irqad fiż-żona l-kwieta;<br>2. jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa biex jindirizzaw kull wieħed minn dawn il-punti ta' hawn fuq;<br>3. jiżguraw li jkunu fis-seħħ proċeduri xierqa biex jittrattaw kwalunkwe emerġenza naturali jew ta' tip ieħor. |
| **Provvediment tas- Servizz tal-ECEC ta' Matul il-Lejl** | 4. minimu ta' żewġ membri tal-istaff ikunu fuq ix-xogħol matul is-sigħat operattivi;<br>5. il-membri tal-istaff jissorveljaw b'mod attiv lit-tfal kollha matul il-provvediment tas-servizz ta' matul il-lejl. L-istaff li jkun xogħol għandu jkun imqajjem u attent għall-ħtiġijiet tat-tfal;<br>6. kott/sodda adattata għat-trabi/tfal żgħarhija pprovduta għal kull tifel/tifla[35]. Il-membri tal-istaff jimmonitorjaw li dawn huma sikuri, imnaddfa regolarment u miżmuma b'mod tajjeb[36]<br>7. kull sena, il-membri kollha tal-istaff iridu jtemmu t-taħriġ dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu biex jitnaqqas ir-riskju tas-Sudden Infant Death Syndrome (SIDS). |



35 Siġġijiet, sufani, imħaded, sodod tal-adulti, sodod tal-ilma, beanbags, pushchairs, carseats, recliners tat-trabi mhumiex sostituti xierqa ta' kott/sodda.

36 Xejn ma huwa permess fil-kott/sodda mat-tifel ħlief pacifier. Il-lożor tal-kott/sodda jridu jkunu tight-fitting u friex, bjankerija u oġġetti iġjeniċi personali tat-tfal iridu jitnaddfu regolarment u jinżammu sew.

# Qasam ta’ Kwalità 2: Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien

| **Standard 2.1**<br>**Il-ħiliet ta’ tmexxija effettivi, l-għarfien u l-abbiltajiet tal-maniġer taċ-ċentru jappoġġaw il-provvediment ta’ edukazzjoni u ħarsien li jissodisfaw l-istandards regolati.** | |
|---|---|
| Indikaturi | 1. il-maniġer jissodisfa b’mod effettiv ir-responsabbiltajiet li huma definiti fid-deskrizzjoni tar-rwol imsemmija fi Standard 1.1;<br>2. il-maniġer jippromwovi b’mod attiv il-filosofija taċ-ċentru, jiżgura li din tirrifletti l-leġiżlazzjoni, il-politiki, l-istandards, l-istrateġiji nazzjonali u li tirrispetta l-iżvilupp olistiku tat-tfal;<br>3. il-maniġer jiżgura li jkun hemm viżjoni ċara għaċ-ċentru b’għanijiet u objettivi li huma definiti b’mod ċar u li huma kondiviżi mal-partijiet interessati kollha;<br>4. il-maniġer iżomm u jippromwovi standards għoljin ta’ prattiki li jinkludu ħidma f’tim li tkun transdixxiplinari u kollaborattiva;<br>5. il-maniġer iżomm linji ċari ta’ responsabbiltà fil-ġestjoni ta’ kuljum;<br>6. il-maniġer huwa konxju tal-punti l-aktar b’saħħithom u tal-isfidi taċ-ċentru u jispira impenn għal titjib kontinwu;<br>7. il-maniġer jiżgura li jkunu fis-seħħ proċessi effettivi ta’ reviżjoni interna u li dawn jintużaw biex jinfurmaw it-titjib fil-kwalità tal-provvediment tas-servizz;<br>8. il-maniġer jippromwovi l-prattika riflettiva u jappoġġa lil kull min jaħdem fiċ-ċentru, inklużi membri ġodda tal-istaff, biex itejbu kontinwament il-prattika tagħhom;<br>9. il-maniġer jirrifletti regolarment fuq il-prattika tiegħu stess u jikkonsulta mal-partijiet interessati differenti, filwaqt li jaġixxi fuq il-feedback li jkun irċieva;<br>10. il-maniġer jistabbilixxi sħubijiet kollaborattivi mal-ġenituri, mal-prattikanti, professjonisti oħra u l-komunità ġenerali biex jissalvagwardja u jippromwovi d-drittijiet tat-tfal u l-iżvilupp olistiku tagħhom;<br>11. il-maniġer jiżgura l-ippjanar u l-implimentazzjoni effettivi tar-rakkomandazzjonijiet tad-DQSE;<br>12. il-maniġer jissorvelja l-progress tat-tfal b’mod ġenerali f’konformità mal-aspettattivi kurrikulari. |

**Standard 2.2**
**It-tfal kollha huma milqugħa u inklużi f'ambjent li huwa adattat għat-tfal u bbażat fuq il-logħob li jrawwem it-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom.**

| | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. l-impenn taċ-ċentru li jilqa' lit-tfal kollha irrispettivament mir-razza, il-kulur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, l-etniċità, id-diżabilità jew kwalunkwe status ieħor huwa evidenti ħafna[37];<br>2. iċ-ċentru jipprovdi ambjent ta' tagħlim ibbażat fuq il-logħob;<br>3. iċ-ċentru jiżgura li t-tfal kollha jkollhom aċċess ekwitabbli[38] għall-opportunitajiet ta' tagħlim offruti;<br>4. iċ-ċentru jiżgura li t-tagħlim isir pass wara pass u ma jinqabeż l-ebda pass meħtieġ (dak li jissejjaħ scaffolding[39]) biex jiġu eliminati l-ostakli għat-tagħlim[40] li jistgħu jirrestrinġu l-aċċess għall-opportunitajiet ta' tagħlim;<br>5. it-tfal huma ttrattati bħala bnedmin kompetenti, li jistgħu jikkomunikaw, iħossuhom kunfidenti li jesprimu ruħhom[41] u jagħmlu l-għażliet;<br>6. l-edukaturi tal-ECEC jimmonitorjaw u jżommu kont tat-tagħlim, l-iżvilupp u l-progress ġenerali ta' kull tifel jew tifla biex itejbu dak li hu diġà b'saħħtu, jindirizzaw il-fatturi ta' riskju u jipprovdu appoġġ kif meħtieġ;<br>7. iċ-ċentru jipprovdi opportunitajiet għat-tfal kollha biex ikunu f'ambjent diġitali, jitgħallmu dwaru u permezz tiegħu;<br>8. iċ-ċentru jrawwem relazzjonijiet ta' sħubija mal-ġenituri u ma' partijiet interessati oħra u jiżgura tranżizzjonijiet bla xkiel li tirrispetta l-karatteristiċi individwali tat-tfal[42];<br>9. iċ-ċentru jopera b'sistema ta' carer ewlieni magħżul. L-edukaturi tal-ECEC jieħdu r-responsabbiltà tal-benesseri ġenerali u l-ħtiġijiet individwali ta' kull tifel jew tifla fdati fil-ħarsien tagħhom. Il-membri tal-istaff juru approċċ ta' sapport ma' xulxin fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' carer ewlieni magħżul;<br>10. iċ-ċentru jrawwem rabtiet ma' professjonisti u/jew aġenziji esterni[43] fejn xieraq, bil-ħsieb li jiġi ottimizzat l-appoġġ għall-benefiċċju tat-tfal kollha. |
| **Provvediment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-lejl** | 11. Il-carer ewlieni magħżul jirrispondu għall-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal b'mod individwali matul il-ħin tal-irqad u waqt ir-rutina ta' filgħodu[44], waqt li jieħu kunsiderazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-ġenituri dwar it-tfal u l-osservazzjoni tiegħu/tagħha stess;<br>12. iċ-ċentru jipprovdi ambjent domestiku. |

37 Irreferi għall- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), Artikolu 2. Irreferi wkoll għall- Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap.413)

38 *aċċess ekwitabbli* tfisser li kull tifel jew tifla, f'kull livell ta' abbiltà, kollha għandhom l-opportunità li jitgħallmu bil-mod u l-pass tagħhom stess.

39 *scaffolding* tfisser il-prattika li tgħin u tiggwida lit-tfal biex iwettqu kompitu. L-iscaffolds jistgħu jiġu pprovduti minn adult jew tifel/tifla li jkunu aktar infurmati minnhom u dan għandu jvarja skont il-progress li jkun qed jagħmel it-tifel/tifla. L-iscaffolding għandu jitqabbel mal-ħtiġijiet ta' kull tifel/tifla.

40 l-ostakli għat-tagħlim tfissru dak kollu li jfixkel it-tfal biex ikunu jistgħu jitgħallmu b'mod effettiv. L-ostakli għat-tagħlim ivarjaw ħafna u jistgħu jkunu ta' natura lingwistika, kulturali, emozzjonali, fiżika, eċċ.

41 Ikunu jistgħu jagħmlu għażliet u deċiżjonijiet biex jinfluwenzaw avvenimenti u li jkollhom impatt fuq id-dinja tagħhom.

42 Il-proċeduri ta' tranżizzjoni jinkludu d-dħul inizjali tat-tfal fiċ-childcare, minn grupp ta' ċertu età għal grupp ieħor fiċ-ċentru stess, minn ċentru għal ċentru ieħor (jekk applikabbli) u minn ċentru għall-kindergarten.

43 Il-professjonisti u l-aġenziji esterni jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: Servizzi ta' Intervent Bikri, Unità tal-Valutazzjoni tal-Iżvilupp tat-Tfal u Speech Language Department.

44 Ara l-Istandard 2.3.

| **Standard 2.3**<br>**Il-kurrikulu[45] jgħin lit-tfal biex javvanzaw fit-tagħlim tagħhom u jiksbu r-riżultati mixtieqa mit-tagħlim bil-pass tagħhom.** | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. il-ħames kisbiet wiesgħa tat-tagħlim taċ-Ċiklu ta' Snin Bikrin jiggwidaw il-pedagoġija tal-edukaturi tal-ECEC u l-kurrikulu taċ-ċentru[46];<br>2. l-edukaturi tal-ECEC jimplimentaw kurrikulu li huwa mfassal biex:<br>› josserva u jirrispondu għall-interessi diversi, għal dak li huwa diġà b'saħħtu fit-tfal u għall-kapaċitajiet differenti tagħhom;<br>› jipprovdi ambjent ta' tagħlim pożittiv li jirrispetta l-iżvilupp olistiku ta' kull tifel u tifla;<br>› jirriflettu fehim tat-tagħlim[47] u tal-iżvilupp[48] li huwa konsistenti mar-riċerka, it-teorija u l-prattiki attwali fl-ECEC ta' kwalità;<br>3. il-logħob huwa l-mezz ċentrali li permezz tiegħu t-tfal jitgħallmu u jiżviluppaw[49];<br>4. il-kurrikulu taċ-ċentru huwa infurmat permezz ta' prattiki t'assessjar awtentiċi[50] li jinnutaw u jirrikonoxxu t-tagħlim tat-tfal u jwieġbu għalih b'tali mod li jrawmu aktar it-tagħlim:<br>› l-ippjanar li jkun infurmat mill-osservazzjonijiet tat-tfal mill-edukaturi tal-ECEC;<br>› l-ippjanar li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent tal-interessi, il-ħtiġijiet u l-punti b'saħħithom differenti tat-tfal;<br>› l-ippjanar li jkun flessibbli u reattiv għall-interessi li qed jevolvu u li qed ikunu aktar emerġenti fit-tfal u għall-ideat u d-dispożizzjonijiet diversi;<br>5. l-edukaturi tal-ECEC jirriflettu u jevalwaw il-prattika tagħhom biex:<br>› jidentifikaw x'kien ta' suċċess u jekk it-tagħlim mistenni seħħx;<br>› ikomplu jibnu jimmodifikaw jew jestendu l-esperjenzi ta' tagħlim biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kull tifel u tifla b'modi sinifikanti u rilevanti. |
| **Provvediment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-lejl** | 6. ir-rutina tal-ħin tal-irqad tista' tinkludi ritwali ta' rilassament bħal ħasil tal-wiċċ u tal-idejn tat-tfal, ħasil tas-snien, tibdil tan-nappy/toileting u tibdil tal-ħwejjeġ għal dawk ta' billejl jew piġami. Dan jista' jinkludi wkoll attivitajiet pjaċevoli fil-kwiet;<br>7. ir-rutina ta' filgħodu tista' tinkludi kolazzjon, ħasil tas-snien u tibdil ta' ħwejjeġ. |

45 Irreferi għal-Lista ta' Termini (p. 4) u għal aktar informazzjoni ara l-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin, Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex.

46 Irreferi għall-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu għal Kulħadd (MEDE, 2012): https://education.gov.mt/en/Documents/A%20National%20Curriculum%20Framework%20for%20All%20-%202012.pdf Qafas tal-Eżiti tat-Tagħlim, Snin Bikrija (2015): https://www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/subjects/early-years

47 Fehim ta' kif iseħħ it-tagħlim biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkunu jistgħu jaċċessaw u jesperjenzaw opportunitajiet ta' tagħlim sinifikanti (Meyer et al., 2014).

48 Fehim ta' kif jiżviluppa l-moħħ fis-snin bikrin tal-ħajja tat-tfal (Ċentre on the Developing Child, Università ta' Harvard).

49 L-edukaturi tal-ECEC jipprovdu opportunitajiet għal varjetà ta' logħob fuq ġewwa u fuq barra inkluż: logħob kreattiv, logħob tal-lingwa, logħob fiżiku, logħob immaġinattiv, logħob soċjodrammatiku u logħob tal-kostruzzjoni.

50 Assessjar awtentiku huwa valutazzjoni mwettqa f'sitwazzjonijiet reali bħala parti mill-kors normali tal-jum vs il-valutazzjoni li tieħu l-forma ta' testijiet f'sitwazzjonijiet formali. Tipi ta' assessjar awtentiku jista' jieħdu l-forma ta' portafolli u noti/stejjer/ġurnali tat-tagħlim.

| Standard 2.4<br>L-ambjent u r-riżorsi jappoġġjaw il-logħob, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal. | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. isir użu tajjeb mill-opportunitajiet offruti mill-ambjent fiżiku biex jiġi żgurat li t-tfal:<br>› ikollhom aċċess għal żoni tal-logħob li jistgħu jkunu storbjużi, kif ukoll spazji kwieti fejn it-tfal jistgħu jirtiraw għall-mistrieħ jew raqda qasira[51];<br>› jesperjenzaw spazji ta' tagħlim li huma stimulanti għalihom u li jħajruhom jistaqsu, jesperimentaw u jesploraw permezz ta' firxa ta' riżorsi u materjali;<br>› ikollhom l-opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom, jikkomunikaw, joħolqu u jitgħallmu permezz ta' teknoloġija diġitali adattata għall-età tagħhom;<br>› jibbenefikaw kemm mill-ispazji ta' ġewwa kif ukoll minn dawk ta' barra biex jestendu u jvarjaw l-esperjenzi ta' tagħlim skont l-interessi dejjem jevolvu tagħhom;<br>2. ir-riżorsi ta' ġewwa u ta' barra huma aċċessibbli u użati b'mod effettiv[52]<br>3. Biex jistimulaw, jikkonsolidaw u jestendu t-tagħlim tat-tfal bl-aktar mod effettiv ; ir-riżorsi għandhom jinkludu materjali naturali[53] u/jew riċiklabbli li jistimulaw il-kreattività u l-immaġinazzjoni tat-tfal u jippromwovu mentalità ta' sostenibbiltà;<br>4. il-kisbiet tat-tfal jintwerew b'mod kreattiv b'tali mod li huwa aċċessibbli għat-tfal u l-ġenituri. |

51 Żoni tal-logħob storbjużi jistgħu jinkludu spazji fejn isir logħob drammatiku, logħob fiżiku, logħob bil-blokks, bl-istrumenti mużikali u logħob fiżiku attiv. Żoni kwieti jistgħu jinkludu spazji fejn isir qari kondiviż u fejn jinżammu r-riżorsi xierqa għal raqda qasira/mistrieħ.

52 L-ambjent u r-riżorsi jeħtieġ li jirrispettaw id-differenzi u l-ħtiġijiet individwali tat-tfal.

53 Il-firxa ta' riżorsi naturali tista' tvarja fid-daqs, fil-forma jew fil-kulur, bħal: weraq, fjuri, qxur, frieghi, frott, ħxejjex, żrieragħ, blat. Bħal fil-każ ta' kwalunkwe riżorsi oħra użati fiċ-Ċentru, irid ikun assigurat li l-materjali naturali pprovduti jkunu sikuri biex jintużaw mit-tfal żgħar. Trid tingħata attenzjoni b'mod partikolari lit-tfal li jkunu f'età fejn x'aktarx iqiegħdu r-riżorsi naturali f'ħalqhom.

| **Standard 2.5**<br>**L-edukaturi tal-ECEC irawmu relazzjonijiet sinifikanti u jinvolvu ruħhom f'interazzjonijiet ta' kwalità għolja, pjaċevoli u stimolanti biex itejbu l-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.** | |
|---|---|
| **Indikaturi** | 1. l-edukaturi tal-ECEC irawmu ambjent ta' relazzjonijiet ta' rispett, ħarsien u sigurtà mat-tfal;<br>2. l-edukaturi jinteraġixxu mat-tfal b'kura u ħarsien. Huma sensittivi, reattivi[54], u prevedibbli kif ukoll ġentili waqt ir-rutini ta' ħarsien fiżiku[55]. Jisimgħu lit-tfal, japprezzaw dak li jgħidu, u jistimulaw il-komunikazzjoni verbali f'kull ħin;<br>3. l-edukaturi tal-ECEC jippromwovu interazzjonijiet pożittivi fost it-tfal biex irawmu relazzjonijiet bejn it-tfal infushom;<br>4. l-edukaturi jimminimizzaw is-sorsi ta' stress fil-ħajja ta' kuljum tat-tfal fiċ-ċentru u jgħinuhom billi jżommu ambjent kalm u rispettuż;<br>5. l-edukaturi jrawmu ambjent rikk fil-lingwi li jappoġġa l-iżvilupp bilingwi tat-tfal bil-Malti u bl-Ingliż u jippromwovi attitudnijiet pożittivi lejn il-lingwi tat-tfal[56];<br>6. l-edukaturi jadottaw Approċċ ta' Mġiba Pożittiva fiċ-Ċentru Kollu biex jindirizzaw imġiba diffiċli, b'modi li jirrispettaw id-dinjità tat-tfal żgħar;<br>7. l-edukaturi jinkoraġġixxu l-indipendenza matul ir-rutini kollha tal-kura fiżika. Matul il-ħinijiet tal-ikel, jingħaqdu mat-tfal u, jekk tkun meħtieġa l-għajnuna, huma jassistu bl-aħjar mod li jistgħu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali tat-tfal;<br>8. l-edukaturi jiggwidaw u jappoġġaw lit-tfal biex jiksbu ħiliet ta' kura personali u jżidu l-indipendenza [57];<br>9. l-edukaturi jsaħħu l-ħiliet ewlenin tal-ħajja tat-tfal u jappoġġjaw il-kapaċità tagħhom li jiffukaw, jippjanaw u jiksbu riżultati, jadattaw għal sitwazzjonijiet li qed jinbidlu u jirreżistu mġiba impulsiva.[58] |

54 Kura reattiva tinkludi osservazzjoni u rispons għall-movimenti tat-tfal, ħsejjes, ġesti u talbiet verbali. It-trabi jirrispondu għall-uċuħ, għal-mess ġentili, cuddling, eye contact, tbissim, vokalizzazzjonijiet u ġesti kif ukoll jirrilassaw meta jisimgħu baby talk.

55 Il-ħarsien fiżiku fejn wieħed jitma', jbiddel il-ħrieqi, rutini ta' rqad qasir u ħasil isiru minn min ikun qed jieħu ħsieb lil dak it-tifel jew tifla.

56 Irreferi għal Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u Għawdex (MEDE, 2015):

57 L-edukaturi għandhom ikunu konxji li jżidu l-kumplessità fil-ħiliet pass wara pass billi josservaw u jsibu l-aħjar mod kif lil kull tifel jew tifla joffrulu sfidi żgħar li jista' jlaħħaq magħhom mingħajr ma jkun frustrat. (Centre on the Developing Child, Università ta' Harvard).

58 Ħiliet Funzjonali Eżekuttivi — Centre on the Developing Child, Università ta' Harvard.

## Standard 2.6
## Iċ-ċentru jilqa' lill-ġenituri u jrawwem sħubija kollaborattiva biex jappoġġa l-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.

| | | |
|---|---|---|
| **Indikaturi** | 1. | iċ-ċentru jilqa' l-preżenza u l-involviment attiv tal-ġenituri speċjalment matul l-istadji inizjali fejn it-tfal ikollhom bżonn jissetiljaw fiċ-ċentru; |
| | 2. | iċ-ċentru jipprovdi opportunitajiet kemm għall-esperjenzi informali kif ukoll għall-avvenimenti ppjanati fejn jinvolvu lill-ġenituri b'mod attiv bħala sħab fil-vjaġġ edukattiv tat-tfal tagħhom, filwaqt li jrawmu komunità ta' tagħlim; |
| | 3. | l-edukaturi tal-ECEC jaqsmu u jiddiskutu b'mod regolari mal-ġenituri individwali l-progress tat-tagħlim u l-iżvilupp olistiku tat-tfal tagħhom b'mod individwali u fi spirtu ta' rispett reċiproku. Isiru laqgħat formali ma' kull ġenitur/kustodju mill-inqas darbtejn fis-sena; |
| | 4. | kwalunkwe tħassib dwar l-iżvilupp ġenerali tat-tfal għandu jiġi diskuss mal-ġenituri kkonċernati permezz tal-involviment tal-Maniġer taċ-Ċentru; |
| | 5. | il-membri tal-istaff jipprovdu informazzjoni lill-ġenituri dwar ir-rutina ta' kuljum tat-tfal tagħhom fiċ-ċentru[59]; |
| | 6. | iċ-ċentru jippromwovi u jikkultiva l-kontinwità tat-tagħlim u l-iżvilupp filwaqt li jiżgura tranżizzjonijiet bla xkiel għal kull tifel jew tifla; |
| | 7. | il-ġenituri huma mħeġġa jipprovdu ikel u xorb tajjeb u nutrittiv għas-saħħa tat-tfal tagħhom biex jappoġġjaw liċ-ċentru fil-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u f'konformità mal-politiki nazzjonali u dawk taċ-ċentru[60]; |
| | 8. | iċ-ċentru jippromwovi l-użu tat-teknoloġija biex jissaħħu r-relazzjonijiet fost il-ġenituri, il-familji, iċ-ċentru u t-tfal żgħar. |
| **Provvediment ta' Servizz tal-ECEC ta' Matul il-lejl** | 9. | il-membri tal-istaff jieħdu l-informazzjoni mingħand il-ġenituri dwar ir-rutini ta' billejl tat-tfal tagħhom u dwar kwalunke ħtieġa individwali relatata[61]; |
| | 10. | iċ-ċentru jilqa' lill-ġenituri biex jistabbilixxu tranżizzjoni bla xkiel mid-dar għaċ-ċentru. |

59 Il-komunikazzjoni tista' tinkludi informazzjoni dwar ir-rutina ta' kuljum tat-tifel/tifla (dwar l-ikel, ix-xorb, it-toileting/bdil tal-ħrieqi/il-movimenti tal-imsaren, l-irqad, eċċ.)

60 Aktar informazzjoni dwar in-nutrizzjoni tajba għas-saħħa tista' tinkiseb mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa.

61 L-edukaturi tal-ECEC huma infurmati dwar id-drawwiet tal-irqad ta' kull tifel jew tifla u dwar kwalunkwe problema li tista' tinqala' matul il-lejl (eż. it-tixrib tas-sodda, in-nuqqas ta' rqad). L-edukaturi jiżguraw li l-ġenituri jipprovdu għadd ta' oġġetti li huma tipikament meħtieġa waqt il-ħarsien ta' matul il-lejl inkluż: ilbies ta' billejl, friex, kutri, papoċċi, xkupilji tas-snien u toothpaste, comforters bħal gażażi (jekk meħtieġa), ħrieqi, materjal biex jinħaslu u ħwejjeġ għall-għada.

# Referenzi

**L-istandards u l-indikaturi kollha ġew infurmati mid-dokumenti ta' politika u ta' riċerka li ġejjin:**


Centre on the Developing Child fl-Università ta' Harvard (2017). *Three Principles to Improve Outcomes for Children and Families*. http://www.developingchild.harvard.edu

Dalli, C. & White, E.J. (2016). Group-based early childhood education and care for under-2-year olds: Quality debates, pedagogy and lived experience. In A. Farrell, S.L. Kagan & E. K.M. Tisdall. (Eds). *The Sage Handbook of Early Childhood Research*. London, Sage. DOI: https://dx.doi.org/10.4135/9781473920859.n3

Griż, T., Corbett, M., Sheerin, J., Heeney, T., Ring, E., & O'Sullivan, L. (2019) *Universal Design Guidelines for Early Learning and care Settings*. Dipartiment tat-Tfal u Affarijiet taż-Żgħażagħ: Dublin

Harms, M., Clifford, R. M., & Cryer, D. (2015). *Early Childhood Environment Rating Scale* (It-tielet edizzjoni). Londra: Teachers College Press.

Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet (2016). *A Guide to Early-years Education-focused Inspection (EYEI) in Early-years Settings Participating in the Early Childhood Care and Education (ECCE) Programme*. Dublin.

Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, l-Irlanda (2013). *Learning to learn: A Framework for Early Years Education and Learning.*

Il-Kummissjoni Ewropea/id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (2020). *Toolkit for inclusive early childhood education and care – providing high quality education and care to all young children*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Il-Kummissjoni Ewropea/id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (2020). ET2020 *Working Group Early Childhood Education and Care – How to recruit, train and motivate well-qualified staff*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Il-Kummissjoni Ewropea/id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (2014). *Proposal for key principles of a Quality Framework for Early Childhood Education and Care, Report of the Working Group on Early Childhood Education and Care under the auspices of the European Commission*. https://ec.europa.eu/assets/eac/education/policy/strategic-framework/archive/documents/ ecec-quality-framework_en.pdf

Il-Kummissjoni Ewropea (2020). *Digital Education Action Plan 2021-2027: Resetting education and training for the digital age*. https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/digital-education-action-plan_en

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2012). Qafas *Nazzjonali tal-Kurrikulu għal Kulħadd*. Malta: Salesian Press.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol(MEDE) (2014). *Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta* 2014–2024: Insaħħu s-Sisien, Noħolqu Alternattivi, Inżidu l-Impjegabilità.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2015). *Gwida għall-edukaturi fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar — L-użu ta' Approċċ li Jiffoka fuq il-Kisbiet mit-Tagħlim: Sett ta' għodod għaċ-Ċiklu ta' Snin Bikrija*. Dipartiment għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2015). *Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u Għawdex. Il-Ħamrun: Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.*

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Gvern ta' New Zealand (2008). *Licensing Criteria for Early Childhood Education and Care Services 2008 and Early Childhood Education Curriculum Framework.*

Il-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (2006). *Standards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' matul il-Jum*.

Litjens, I. u M. Taguma (2010), *Revised Literature Overview for the 7th Meeting of the Network on Early Childhood Education and Care*, EDU/EDPC/ECEC (2010)3/REV1, Pariġi: OECD.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2018). *Nurturing Care for Early Childhood Development: A Framework for Helping Children Survive and Thrive to Transform Health and Human Potential*. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

Meyer, A., Rose, D.H., & Gordon, D. (2014). *Universal Design for Learning: Theory and Practice*, Wakefield, MA: CAST.

Miller, L., Cameron, C., Dalli, C., & Barbour, N. (2018) (eds) *The SAGE Handbook of Early Childhood Policy*. Il-Manwal SAGE tal-Politika tat-Tfulija Bikrija. Londra: Sage.

Siraj, I., Kingston, D., & Melhuish, E. (2015). *Assessing Quality in Early Childhood Education and Care: Sustained Shared Thinking and Emotional Wellbeing (SSTEW) Scale* for 2-5-year-olds provision. Londra: IOE Press.

Strycharz-Banas, A., Dalli, C., & Meyerhoff, M. (2020) A trajectory of belonging: negotiating conflict and identity in an early childhood centre, *Early Years*, DOI: 10.1080/09575146.2020.1817871

Taguma, M, Litens, I & Makowiecki, K. (2013). *Quality Matters in Early Childhood Education and Care*. L-Iżvezja: OECD.

# Appendiċi 1: Permutazzjonijiet tal-Proporzjonijiet

| Proporzjonijiet meta assistenti għall-edukatur tal-ECEC huma inklużi (0-12-il xahar) | | |
|---|---|---|
| Carer Ikkwalifikat | Assistent | Tfal |
| 1 | 1 | 5 |
| 1 | 1 | 6 |
| 2 | 1 | 7 |
| 2 | 1 | 8 |
| 2 | 1 | 9 |
| 2 | 2 | 10 |
| 2 | 2 | 11 |
| 2 | 2 | 12 |
| 3 | 2 | 13 |
| 3 | 2 | 14 |
| 3 | 2 | 15 |
| 3 | 3 | 16 |
| 3 | 3 | 17 |
| 3 | 3 | 18 |
| 4 | 3 | 19 |
| 4 | 3 | 20 |
| 4 | 3 | 21 |
| 4 | 4 | 22 |
| 4 | 4 | 23 |
| 4 | 4 | 24 |
| 5 | 4 | 25 |
| 5 | 4 | 26 |
| 5 | 4 | 27 |
| 5 | 5 | 28 |
| 5 | 5 | 29 |
| 5 | 5 | 30 |
| 6 | 5 | 31 |
| 6 | 5 | 32 |
| 6 | 5 | 33 |
| 6 | 6 | 34 |
| 6 | 6 | 35 |
| 6 | 6 | 36 |
| 7 | 6 | 37 |
| 7 | 6 | 38 |
| 7 | 6 | 39 |
| 7 | 7 | 40 |
| 7 | 7 | 41 |
| 7 | 7 | 42 |
| 8 | 7 | 43 |
| 8 | 7 | 44 |
| 8 | 7 | 45 |
| 8 | 8 | 46 |
| 8 | 8 | 47 |
| 8 | 8 | 48 |
| 9 | 8 | 49 |
| 9 | 8 | 50 |

| Proporzjonijiet meta assistenti għall-edukatur tal-ECEC huma inklużi (13-24 xahar) | | |
|---|---|---|
| Carer Ikkwalifikat | Assistent | Tfal |
| 1 | 1 | 8 |
| 1 | 1 | 9 |
| 1 | 1 | 10 |
| 2 | 1 | 11 |
| 2 | 1 | 12 |
| 2 | 1 | 13 |
| 2 | 1 | 14 |
| 2 | 1 | 15 |
| 2 | 2 | 16 |
| 2 | 2 | 17 |
| 2 | 2 | 18 |
| 2 | 2 | 19 |
| 2 | 2 | 20 |
| 3 | 2 | 21 |
| 3 | 2 | 22 |
| 3 | 2 | 23 |
| 3 | 2 | 24 |
| 3 | 2 | 25 |
| 3 | 3 | 26 |
| 3 | 3 | 27 |
| 3 | 3 | 28 |
| 3 | 3 | 29 |
| 3 | 3 | 30 |
| 4 | 3 | 31 |
| 4 | 3 | 32 |
| 4 | 3 | 33 |
| 4 | 3 | 34 |
| 4 | 3 | 35 |
| 4 | 4 | 36 |
| 4 | 4 | 37 |
| 4 | 4 | 38 |
| 4 | 4 | 39 |
| 4 | 4 | 40 |
| 5 | 4 | 41 |
| 5 | 4 | 42 |
| 5 | 4 | 43 |
| 5 | 4 | 44 |
| 5 | 4 | 45 |
| 5 | 5 | 46 |
| 5 | 5 | 47 |
| 5 | 5 | 48 |
| 5 | 5 | 49 |
| 5 | 5 | 50 |

| Proporzjonijiet meta assistenti għall-edukatur tal-ECEC huma inklużi (25-36 xahar)[62] | | |
|---|---|---|
| Carer Ikkwalifikat | Assistent | Tfal |
| 1 | 1 | 10 |
| 1 | 1 | 11 |
| 1 | 1 | 12 |
| 2 | 1 | 13 |
| 2 | 1 | 14 |
| 2 | 1 | 15 |
| 2 | 1 | 16 |
| 2 | 1 | 17 |
| 2 | 1 | 18 |
| 2 | 2 | 19 |
| 2 | 2 | 20 |
| 2 | 2 | 21 |
| 2 | 2 | 22 |
| 2 | 2 | 23 |
| 2 | 2 | 24 |
| 3 | 2 | 25 |
| 3 | 2 | 26 |
| 3 | 2 | 27 |
| 3 | 2 | 28 |
| 3 | 2 | 29 |
| 3 | 2 | 30 |
| 3 | 3 | 31 |
| 3 | 3 | 32 |
| 3 | 3 | 33 |
| 3 | 3 | 34 |
| 3 | 3 | 35 |
| 3 | 3 | 36 |
| 4 | 3 | 37 |
| 4 | 3 | 38 |
| 4 | 3 | 39 |
| 4 | 3 | 40 |
| 4 | 3 | 41 |
| 4 | 3 | 42 |
| 4 | 4 | 43 |
| 4 | 4 | 44 |
| 4 | 4 | 45 |
| 4 | 4 | 46 |
| 4 | 4 | 47 |
| 4 | 4 | 48 |
| 5 | 4 | 49 |
| 5 | 4 | 50 |

62 Dawn il-proporzjonijiet japplikaw ukoll għal gruppi mħallta..

# Appendiċi 2: Manwal tal-Politiki u l-Proċeduri

- Iċ-ċentru għandu manwal li fih il-politiki u l-proċeduri kollha tiegħu. Huwa evidenti li dan huwa aċċessibbli u aċċettat mill-istaff u l-ġenituri. Ir-reviżjoni perjodika tal-manwal tal-politiki u l-proċeduri ssir matul il-laqgħat tal-istaff.
- Il-manwal tal-politiki u l-proċeduri jinkludi l-kontenut li ġej:[63]
    - Il-filosofija[64] taċ-ċentru
    - L-approċċ taċ-ċentru għall-ħarsien, it-tagħlim u l-logħob[65]
    - Il-Proċess ta' Reviżjoni Interna
    - Prattiki ta' assessjar[66]
    - Dħulfiċ-ċentru
    - Opportunitajiet ekwitabbli
    - Tranżizzjonijiet[67]
    - Ikel tajjeb għas-saħħa, inkluż l-użu tal-ħalib tal-omm[68]
    - Ġestjoni tal-imġiba pożittiva
    - Ħidma fi sħubija mal-ġenituri
    - Ħidma fi sħubija ma' professjonisti tas-Snin Bikrin
    - Tfal morda
    - Iġjene
    - Medikazzjoni
    - Immunizzazzjoni[69]
    - Ġestjoni tal-inċidenti
    - Pjan ta' tħejjija għal emerġenzi (Sikurezza u evakwazzjoni f'każ ta' nirien)
    - Tfal li ma jiġux miġbura
    - Il-protezzjoni tat-tfal, li tinkludi:
    - Is-sikurezza u s-sigurtà tat-tfal
        - *Suspett t'Abbuż*
        - *Drittijiet tat-tfal*
    - Il-protezzjoni tad-data, li tinkludi:
        - *Żamma ta' rekords tat-tfal*
        - *Żamma ta' rekords tal-istaff*
    - Ilmenti dwar is-servizz
    - Whistle blowing
    - Reklutaġġ ta' staff
    - Żvilupp tal-istaff
    - Superviżjoni tal-istaff
- Appendiċili għandhom jiġu inklużi fil-manwal tal-politiki u l-proċeduri:
    - Formola tad-dħul
    - Struttura tat-tariffi
    - Formoli ta' kunsens tal-ġenituri (ftehim mal-politiki taċ-ċentru, protezzjoni tad-data,
    - amministrazzjoni ta' mediċini/medikazzjoni u ħruġ/outings)
    - Rapport dwar korriment
    - Formola tal-ilmenti

63 Għal aktar dettalji u informazzjoni relatata ma' kull wieħed mill-kontenut, irreferi għall-manwal tal-kriterji ta' reġistrazzjoni.

64 Irreferi għal- Lista ta' Termini f' dan id-dokument

65 Irreferi għall-Qasam ta' Kwalità 2 f'dan id-dokument. Dan għandu jinkludi l-approċċ pedagoġiku bbażat fuq il-filosofija adottata u implimentata.

66 Irreferi għall-Qasam ta' Kwalità 2 f'dan id-dokument. Dan għandu jinkludi l-proċess ta' kif l-edukaturi tal-ECEC se josservaw, jirreġistraw u jirrappurtaw b'mod regolari l-progress tat-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.

67 Proċedura ta' tranżizzjoni mad-dħul inizjali tat-tfal mid-dar għal ċentru tal-ECEC, minn ċentru għal ċentru, fiċ-ċentru stress (jekk applikabbli) u l-proċedura ta' tranżizzjoni għall-kindergarten.

68 Is-servizzi tat-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal fis-snin bikrin għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-appoġġ mogħti lilll-ommijiet biex ireddgħu lit-tfal tagħhom.

69 Huwa rrakkomandat ħafna li t-tfal kollha li jużaw is-servizz tal-ECEC (0–3 snin) ikunu konformi mal-Iskeda Nazzjonali tal-Immunizzazzjoni. https://deputyprimeminister.gov.mt/en/phc/pchyhi/Pages/National-Immunisation-Schedule.aspx

- Rutini ta' tindif[70]
- Kwalunkwe appendiċi oħra
- Fejn applikabbli, id-dettalji tal-forniment tas-servizz tal-ECEC ta' matul il-lejl għandhom jiġu ddokumentati fil-Manwal tal-Politiki u l-Proċeduri taċ-ċentru, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-karatteristiċi partikolari ta' dan is-servizz, inklużi:
- Il-protezzjoni tat-tfal, li tinkorpora wkoll:
- Il-Provvediment ta' servizz ta' Matul il-lejl fl-ECEC;[71]
- Prattiki sikuri ta' rqad u arranġamenti u proċeduri tal-irqad;
- Rutini ta' ħin l-irqad, inkluża informazzjoni dwar l-iscreen time;
- Is-superviżjoni tat-tfal;
- Il-ġestjoni tad-diffikultajiet konnessi mad-drawwiet tal-irqad.[72]

70 Dawn jistgħu jinkludu tindif tal-bini, faċilitajiet sanitarji, riżorsi eċċ.

71 Din il-politika tipprovdi gwida ċara fir-rigward tal-kuntatt fiżiku meqjus xieraq għar-rutini tal-lejl u meta tkun qed tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' iġjene tat-tfal.

72 Dan jista' japplika għal dawk il-każijiet meta xi ħadd mit-tfal ma jkunx jista' jorqod, ma jkunx jista' jissetilja u jinkludi proċeduri dwar it-tixrib tas-sodda, inkubi jew dwejjaq/stress ġenerali.

# Notes

Ministeru għall-Edukazzjoni
Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE)
Triq Joseph Abela Scolaro
Il-Ħamrun
HMR 1304
Email: customercare.dqse@gov.mt
Telefon: 2598 1400

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI